# Artisti li ħadmu fir-Rotunda tal-Mosta (1) - Antonio Agius

Minn **Joseph Borg**

Antonio Agius twieled il-Birgu fl-1888 u miet il-Gżira fl-1963 fl-għomor ta' 75 sena. Trabba, biex ngħidu hekk, qalb l-iskultura għax id-dar qadima li fiha kien joqgħod, kienet darba d-dar tal-Prijur ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Din id-dar kienet sewwa sew f'numru 110, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur. Kienet dar imżejna b'ħafna skultura li bilfors influwenzat lit-tfajjel Toninu li sa minn ċkunitu kellu ġibda kbira lejn l-arti ta' l-iskultura. Tgħallem id-disinn u l-iskultura fl-iskola ta' l-arti li kellu l-Birgu stess is-surmast Sqalli minn Katanja Vincenzo Cardona. Jibqa' msemmi għax-xogħlijiet sbieħ tiegħu ta' skultura fl-injam u fil-ġebla mxerrdin fi knejjes, palazzi u vilel ta' pajjiżna.



Ħajr: Salvinu Zahra

## *Gwarniċi ġodda għall-Via Sagra*

Hawn insemmu biss dawk ix-xogħlijiet li ħadem għall-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Fl-1910 Toni Agius, għadu żagħżugħ, ħadem b'suċċess il-gwarniċi b'xogħol mill-isbaħ għall-kwadri xejn inqas sbieħ tal-Via Sagra li writna mill-knisja parrokkjali l-qadima. Dan nafuh minn rapport qasir li deher f'gazzetta ta' dak iż-żmien *Malta Tagħna* tal-15 ta' Mejju, 1910. Ma għandna ebda ħjiel ta' kemm sata' dam biex ħadem dawn is-sittax-il gwarniċ. Dawk li jiftakru kienu jgħidu li kellu kapaċità kbira biex iqatta' b'ħeffa fl-injam jew fil-ġebla. B'dan kollu ma nistgħux ngħidu kemm ħadet żmien sewwa din l-opra biex tlestiet għal kollox.



Ritratt: Mark Micallef

F'ritratt qadim aktarx ta' l-1911, meħud għall-festa ta' Santa Marija, jidhru l-erba' gwarniċi l-ġodda tal-Via Sagra ta' fuq il-Presbiterju. Dawn jidhru mingħajr brazzi għax kienu għadhom ma sarux. Barra mill-gwarniċi, Toni Agius għamel ukoll id-disinn għas-sett ta' brazzi sbieħ li jintramaw quddiem il-Via Sagra għall-festa, li għadna ingawduhom sal-lum. B'hekk il-Via Sagra kienet issa kompluta u r-Rotunda setgħet tiftaħar b'opra oħra sabiħa.

## *Il-pedistall tal-Madonna tar-Rużarju*

Lejn is-sena 1923, fi żmien il-Prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju Dun Ġwann Muscat, ġiet restawrata l-vara antika tal-Madonna tar-Rużarju. Din l-istatwa kien ħadimha fl-istil Barokk tardiv l-iskultur Senglejan imsemmi Pietro Paolo Zahra fl-1742. B'xorti ħażina l-istatwa kienu neħħewlha parti mill-maktur imtajjar ta' madwar rasha. Mill-bqija, l-induratura li biha ndurawha hija mill-aqwa u għadha sabiħa sal-lum.



Il-pedistall, aktarx dak oriġinali li kellha l-vara, ġie mżejjen bi skultura mill-isbaħ minn Toni Agius li ħaseb ukoll għall-erba' gastri bil-fjuretti b'kollox tal-kantunieri. Fuq skudett fuq in-naħa t'isfel tal-faċċata ta' wara tal-pedistall tidher is-sena '1923'. Illum dan il-pedistall nistgħu ngħodduh bħala opra oħra ta' dan l-iskultur bravu. Kemm l-istil ta' l-iskultura kif ukoll iż-żmien li fih saret juru dan.

### *Il-monument tal-Ġimgħa l-Kbira*

Wara s-suċċess bl-iskultura tassew ħajja tal-gwarniċi tal-Via Sagra u tal-pedistall tar-Rużarju, l-imgħallem Toni Agius ġie mbagħad imqabbad biex jidħol għal biċċa xogħol kbira li kellha twasslu għall-quċċata tal-karriera artistika tiegħu. Il-Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira Dun Ġużepp Vella qabbdu biex jiddisinja u jaħdem l-urna l-ġdida għall-korp ta' Kristu mejjet għall-monument. Għal din l-opra kbira kien se jħallas il-benefattur kbir tar-Rotunda s-Sur Karm Dimech, wara Kavallier.

Dan il-monument famuż, Toni Agius ħadmu f'naqra ta' ħanut li kellu quddiem il-bieb prinċipali tal-Birgu mgħejjun minn ħuh li għenu saħansitra fix-xogħol tad-drapp tal-lama u l-bellus li bihom huwa mżejjen dan il-monument. Minn kull fejn tħarislu, tispikka f'dan il-monument dik l-iskultura fina u majestuża ta' xeħta Barokka li xxaqleb lejn ir-Rokoko. Il-figura ta' Kristu mejjet flimkien mat-tmien anġli li jżejnu l-urna huma xogħol sabiħ fil-kartapesta ta' l-imsemmi statwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Jingħad li meta Antonio Agius kien qed jaħdem fuq il-monument, inzerta li Dun Ġorġ Preca kien għaddej minn ħdejn il-ħanut ta' Toni. Dun Ġorġ kien waqaf iħares mgħaġġeb lejn ix-xogħol sabiħ ta' dan l-imgħallem filwaqt li fakkru biex ikompli jagħmlu sabiħ kemm jista' jkun, għax hekk kien jixraqlu l-Feddej tagħna l-bnedmin.

Il-monument sewa b'kollox 500 lira. Ġie nawgurat u ddaħħal trijonfalment ġewwa r-Rotunda nhar Ħadd il-Palm, 13 ta' April 1924, b'sodisfazzjon kbir tal-Mostin kollha. Jibqa' bħala tifkira tal-ġenerożità u l-patrijottiżmu tal-Kavallier Carmelo Dimech. Jibqa' wkoll kapolavur tal-Vittorjożan Antonio Agius; opra tassew kbira kemm fid-disinn u kemm ukoll fl-esekuzzjoni tagħha, li kienet saħansitra tant tfaħħret mill-Kummissjoni tas-Soċjetà ta' l-Arti u Manifattura ta' Malta.



### *L-apparat tas-seba' kapep*

Kull knisja parrokkjali bit-titlu ta' Arċipretali kienet tara li għall-festa titulari jkollha apparat ta' seba' kapep, jekk jista' jkun irrakmati bid-deheb. Dawn kienu u għadhom, almenu s'issa, prinċipalment jintużaw għal waqt l-għosrien solenni ta' lejlet u nhar il-festa u għal matul il-purċissjoni.

Ir-Rotunda tagħna kien ilha tgawdi t-titlu ta' Knisja Arċipretali sa mill-1888 iżda sa l-1924 kien għadhom jintużaw il-ħames kapep sbieħ li writna mill-knisja l-qadima. Dawn kienu issa bdew jiqdiemu sewwa għax kienu nġabu minn Lyons fi Franza fl-1791. Għalhekk il-prokuratur ħabrieki li kellha l-knisja dak iż-żmien, Dun Anġ Camilleri, beda jara l-bżonn ta' sett ta' seba' kapep ġodda denji ta' knisja arċipretali.

Għal dan il-għan qabbad lil Antonio Agius biex jagħmel id-disinn għal dawn il-kapep ġodda tal-lama bajda. Dawn kienu nħadmu u ġew irrakkmati bid-deheb mis-Sorijiet Missjunarji Franġiskani ta' Marija ta' Ħal Balzan. Swew b'kollox 456 lira u żżanżnu fil-festa ta' l-Assunta ta' l-1925. Illum dawn il-kapep sbieħ jinsabu fi stat ta' ħtieġa ta' restawr. Dawn jibqgħu wkoll, flimkien ma' l-opri l-oħra li semmejna, tifkira tal-ħila fid-disinn ta' l-Imgħallem Toni Agius tal-Birgu.

Biċċa xogħol oħra ta' Toni Agius ġewwa l-Mosta, imma li m'għandiex x'taqsam mar-Rotunda, hija l-iskultura fil-ġebel li hemm mal-faċċata imponenti ta' Villa Dimech fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Kien is-Sur Karm Dimech, il-benefattur tal-monument, li qabbad lil Agius biex iżejjinlu l-faċċata tal-villa l-ġdida tiegħu bi skultura mill-isbaħ. B'dawn ix-xogħlijiet tiegħu fil-Mosta u f'postijiet oħra Toni Agius wera li kien tassew imgħallem kemm tad-disinn kif ukoll ta' l-iskultura fl-injam u fil-ġebla.

*Riferenzi*

L.Zahra, 'Opra mill-isbaħ fil-Mosta', Soċ. Fil. Nicolò Isouard, Mosta (1998); 'Arti u Xogħlijiet', Soċ. Fil. Santa Marija, Mosta (2006).

'Il-Monument tal-Knisja Arċipretali tal-Mosta' Soċ. Fil. Nicolò Isouard, Mosta (1999).

*Tifkira għażiża Tas-Saċerdot Dun Anġ Camilleri* - XVII L-Apparat li żżanżan fil-festa ta' l-Assunta ta' l-1925.

K. Sciberras, *L-Arti barokka f'Malta* (Malta, 2003).

J. Borg, 'Wirt il-knisja parrokkjali l-qadima li kellna', Soċjetà Filarmonika Santa Marija Mosta (2004).